MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2011

Rikors Numru. 35/2010

**Michael Debono ID 980646M), Angelo Debono (ID 835940M), Josephine mart George Cuschieri (ID 649441M) proprio u f'isem l-assenti huthom John Debono (numru tal-passaport 489424) u Doris mart Anthony Gould (ID 045505M)**

**vs**

**Carmelo Falzon (ID 0809936M) u Evnagelista mart l-istess Carmelo Falzon (ID 0200735M) u kif ukoll ghal kull interess li jista jkollhom u sabiex il-gudizzju jkun integru Annetto Debono u l-istess Carmelo Falzon bhala mandatarju tal-assenti Carmela Wilson**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid:

Illu huma jikru lill-intimati Falzon il-fond numru 9, St. Sebastian House, Spiteri Fremond Street Qormi versu l-kera ta' Lm30 ekwivalenti ghal €70 fis-sena pagabbli fl-1 ta' Jannar ta' kull sena;

Illi l-iskadenza li jmiss hija fl-1 ta' Jannar 2011;

L-intimati Debono u Wilson huma ko-propretarji;

Illi ghalkemm dan il-post huwa dar ta' residenza, fil-fatt huwa vojt u mhux okkupat mill-intimat Falzon u ilu disokkupat ghal numru ta' snin u b'hekk inbidlet id-destinazzjoni tal-fond u nkissru id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 9 (a) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan Iil-Bord joghgbu jxolji l-kirja u jawtorizzahom sabiex jirriprendu l-pussess tal-istess fond u konsegwentement jizgombraw illi-intimati Falzon fi zmien qasir u perentorju li jigi hekk lilhom prefiss;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni;

Ra l-verbal tas-seduta tat-2 ta' Gunju 2010 fejn il-legali tal-intimat ddikjara li qieghed jikkontesta l-pretensjoni tar-rikorrenti u inghata zmien wiehed u ghoxrin jum ghar-risposta;

Ikkonsidra:

Illi fil-mori tal-kawza r-rikorrenti inghataw lura l-pussess tal-fond mill-intimat u peremzz ta' nota in atti r-rikorrenti irrinunzjaw ghat-talbiet taghhom izda irrizervaw d-drittijiet taghhom kwantu l-kap tal-ispejjez;

Illi minkejja li l-intimat iddikjara li qieghed jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti, huwa ma intavola ebda risposta u finalment irritorna l-pussess tal-fond lis-sidien. Fix-xhieda tieghu, ir-rikorrenti Michael Debono jikkonferma illi r-rikorrenti kienu ilhom aktar minn ghaxar snin jitolbu c-cavetta tal-fond lill-intimat peress illi ma kienx qieghed

juza l-istess fond u dan anke tramite ittri mill-legali tieghu u talbiet verbali sahansitra qabel kien intavolat ir-rikors promutur. Kif jirrizulta mill-atti, anke meta l-intimat kien interpellat permezz ta' dawn il-proceduri baqa' jiddelunga meta talab zmien ghar-risposta, inghata zmien u baqa' ma intavola ebda risposta, fatt dan li jikkorobora l-fatt li r-rikorrenti verament kienu kostretti jadixxu lil dan il-Bord minhabba l-intransigenza tal-intimat;

Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jaqta u jiddeciedi illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------